MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Talba Numru. 827/2008

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Silvio Catania.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' mija u wiehed u tmenin Ewro u erba centezmi (€181.04), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut skond Client Contract number 1012745 in rigward ta' servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2008. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' mija u wiehed u tmenin Ewro u erba centezmi (€181.04), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono.**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------